fihiex xi ħaġa,'' qallu Allaħ. ''Xejn.'' wieġeb l-Anġlu. ''Issa aqsamha,'' raġa' Allaħ. L-Anġlu taha daqqa qawwija u qasamha. ''X'int tara f'nofsha?'' staqsa Allaħ. ''Tassew!'' għajjat l-Anġlu. ''Duda tiċċaqlaq! Duda ħajja!'' Raġa' Allaħ: ''Mela, jekk jien ngħajjex duda magħluqa ġewwa ġebla f'qiegħ il-baħar, kemm aktar ngħajjex ulied il-bniedem, ħielsa, fuq l-art?''

Far bil-ferħ l-Anġlu u ta qima lill-Allaħ u għajjat: ''Imbierek int ja Allaħ, li taħseb għal kulħadd u għal kollox. Int il-Provvidenza. Allaħ Kerim!''

## 10. — ĠAĦAN

Darba waħda, mela, Ġaħan daħal ir-raħal tiegħu, jagħti fuq wiċċu u jgħajjat: ''X'waħda din, xi ġrali! Imsejken jiena!'' U wara ftit iħares lejn is-sema u jiftaħ idejh u jgħid: ''Niżżik ħajr, ja Mulej!''

In-nies tar-raħal daret miegħu. ''Ġaħan,'' qalulu, ''għidilna xi ġralek, għax ma nistgħux nifhmuk. Daqqa titnikket u daqqa tiżżi ħajr lill-Mulej.''

''Iwa,'' weġibhom Ġaħan, ''nitnikket għax intilifli l-ħmar, li kien il-għożża tiegħi, il-ġid tiegħi, il-ħabib waħdani tiegħi. U niżżi ħajr lill-Mulej għax naħseb kemm kien ikun agħar għalija kieku, meta ntilef, kont riekeb fuqu, għax kieku kont nintilef miegħu jiena wkoll. U kieku ntlift jiena wkoll, x'kont nista' nagħmel biex insib lili n-nifsi?''

---

# "IMSIEBAĦ"

Għall-ewwel li mort il-Palestina, darba fost l-oħrajn, kont qiegħed quddiem il-Qabar ta' Kristu ngħid xi Kredu. Minn ġewwa l-*Edikola* fejn hemm il-Qabar ħareġ Raħeb Franġiskan bl-istola f'idu u warajh ħareġ żagħżugħ Għarbi, b'qoffa f'idejh qisha keffa tal-ħut, mgħottija b'ħarqa. Intbaħt mill-ewwel li fil-qoffa kien hemm xi ħaġa mbierka.

''X'għandek hemm, Aħmed?'' staqsejt liż-żagħżugħ.

''Imsiebaħ,'' weġibni.

''Ara x'ħaġa!'' għedt f'qalbi. ''Hawnhekk l-imsiebaħ iberkuhom ukoll!''

Erfajt it-tarf tal-ħarqa li kien hemm fuq il-qoffa ħalli nara x'għamla kienu l-imsiebaħ tal-Palestina. Aqta' x'insib? Ġewwa l-qoffa kien hemm kuruni tar-Rużarju! *Kuruni* hawnhekk jgħidulhom *imsiebaħ!*

Elsie.

---

*Qabel il-ġâż, iħseb għal ġunnâż* (qabel ma taħseb għaż-żwieġ, aħseb għaddifna). — Għax iż-żwieġ taf meta jkun, għax kulħadd jiżżewweġ meta jrid, imma l-mewt ma tafx meta tkun; u tiġi mingħajr ma tavżak li ġejja. Mela kun dejjem imħejji għaliha, ħalli mbagħad tiġi meta trid.

(*Qawl tal-Palestina*)